MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 33/1998/1

**Joseph Caruana Curran**

**vs**

**Victoria Vella**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Settembru, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti:

Illi kontestwalment qed jipprezenta citazzjoni b’ talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza minn dan il-Bord fit- 3 ta’ Dicembru 1997, billi ma kienx gie notifikat bir-rikors (Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12); kif ukoll citazzjoni fit-termini tal-Artikolu 823 (2), ghat-twaqqif tal-eskuzzjoni tas-sentenza.

Illi l-esponent juza l-fond ‘de quo’ biex jahzen il-merkanzija, u jsofri pregudizzju ferm aktar serju mill-intimata, sid il-fond, kemm-il darba ma tigix sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Ghaldaqstant, jitlob bir-rispett, li in vista tal-premess, u fit-termini tal-artikolu 823 (4) tal-Kapitolu 12, dan il-Bord jogghbu jordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza pendenti l-ezitu finali tat-talba ghar-ritrattazzjoni.

Ra r-risposta ta’ l-intimata:

Illi hija giet notifikata bir-rikors tal-15 ta’ Jannar 1998, ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ dan il-Bord tat-3 ta’ Dicembru 1997, fl-ismijiet premessi invertiti.

Illi l-esponenti tissottometti li, stante li giet ipprezentata talba ghar-revoka ta’ dik is-sentenza u ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Bord fuq dan il-punt minghajr pregudizzju ghas-sentenza li ga inghatat favur taghha.

Ra l-atti kollha ta’ din il-procedura, dawk tar-rikors fl-ismijiet inversi deciz mill-Bord diversament presedut fit-3 ta’ Dicembru 1997, dawk tac-citazzjoni fl-istess ismijiet numru 3C/98 u 2C/98 li tnejn gew decizi llum.

Sema t-trattazzjoni ta’ l-avukati;

Ra l-verbal tat-30 ta’ Mejju 2001;

Ikkunsidra;

1. Illi dan ir-rikors sar ai termini ta’ art 823 (4) tal-Kap 12.

2. Jidher li quddiem il-Bord diversament presedut biex sar ftehim biex is-sentenza tat-3 ta' Dicembru 1997 ma tigix imwettqa u din il-procedura imxiet kontestwalment mac-citazzjonijiet imsemmija.

3. Billi t-talba ghar-ritrattazzjoni tar-rikors numru 95/97 deciz b' sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 1997, a bazi tal-art 811 (b) tal-Kap 12 illi giet michuda b' sentenza u ghalhekk ma hemmx lok ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, l-Bord jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontrih."

Ir-rikorrenti Joseph Caruana Curran appella mid-digriet moghti mill-Bord bl-aggravju maghmula f'dawn it-termini:-

(1) Ir-rikors sar fit-termini tal-Artikolu 823 (4) tal-Kap 12.
(2) Ir-rikors gie michud billi t-talba konnessa u principali tar-ritrattazzjoni giet michuda.
(3) Id-decizjoni li biha cahdet it-talba tar-ritrattazzjoni giet appellata u ghalhekk ghall-istess ragunijiet qed jappella minn dan il-provvediment li cahad it-talba tat-twaqqif tal-ezekuzzjoni mis-sentenza attakkata.

Issa hu ovvju li dan l-appell hu ghal kollox dipendenti fuq ir-rizultanzi tal-appell mid-decizjoni li biha l-Bord cahad lill-appellant it-talba tar-ritrattazzjoni. Dan del resto hu hekk rikonoxxut fit-tielet premessa tal-aggravju tieghu.

B'sentenza separata pronunzjata illum stess, din il-Qorti ghall-motivi hemm adotti, irrespingiet l-appell interpost quddiemha fil-kawza tar-ritrattazzjoni fl-istess ismijiet (3C/98). Il-konsegwenza ta' din ic-cahda ma tistax hlief tkun, b'logicita` guridika, c-cahda tal-appell issa interpost mill-provvediment suddett tal-Bord.

Ghal dawn il-motivi tirrespingi t-talba tar-rikorrenti appellant u b'hekk tikkonferma l-provvediment tal-Bord li Jirregola l-Kera, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------